# KUNSILL LOKALI ISLA

# IR-RABA' KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU ERBATGĦAX

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar il-Ġimgħa 10 ta' Jannar, 2003 fit-3.00pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku (3.15pm) |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | Xejn | | |

## AĠENDA

1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
3) Miżuri Ġodda.
4) Xogħol mill-ħaddiema - Skema ETC.
5) Kumitat Finanzi.
6) Xogħol mill-Kunsill fil-Kommunita' - 2003.
7) Żjara tal-President.
8) Rapporti Attivita' Rigal lill-Anzjani.
9) Rapport Kumitat Ġemellaġġ Cassino.

## 14 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.

14.(1).1 Il-Kunsill qabel li ssir korrezzjoni għall-Minuti ta' laqgħa numru 13 f'paġna 6 item *Senglea Regatta Club*. Flok il-kliem " Reno Chircop" jidħol il-kliem "Charmaine Gerada" u "Reno Chircop" flok "Charmaine Gerada" biex tiġi taqra hekk "Fuq proposta tal-Kunsillier Charmaine Gerada ssekondata mill-Kunsillier Reno Chircop _ _ _ _ _ _".

14.(1).2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi, l-Kunsill approva l-Minuti unanimament kif ġew emendati.

## 14(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

*Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-laqgħat u l-ħidma li saret.*

*14.(2).1 Seminar Kummissjoni Persuni B'Diżabilita' ( 05 / 12 / 2002 )*

Is-Sindku Joseph Casha u l-Kunsillier Reno Chircop attendew għal dan is-seminar. Il-Kelliema f'dan is-seminar kienu nies bi bżonnijiet speċjali.

*14.(2).2 Skola Lorenzo Gafa' - Birgu ( 06 / 12 / 2002 )*

Is-Sindku Joseph Casha attenda għal Jum il-Premjazzjoni ta' din l-iskola fejn ppreżenta kotba ta' l-okkażjoni. F'din l-iskola jattendu numru ġmielu ta' studenti mill-Isla.

*14.(2).3 Librerija ta' l-Iskola Primarja Dom Mauro Inguanez - Isla (11 / 12 / 2002)*

Is-Sindku Joseph Casha u d-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni s-Sur Charles Mizzi inawguraw uffiċjalment il-Librerija tal-Qari fl-Iskola primarja Dom Mauro Inguanez fl-Isla. Għal din l-okkażjoni ġie mtella' programm ta' attivitajiet mill-istudenti ta' din l-iskola.

Fid-diskors tiegħu s-Sindku saħaq fuq il-ħidma favur l-edukazzjoni fil-lokal ta' l-Isla li hija fost il-prijoritajiet tal-Kunsill.

Fid-diskors tiegħu s-Sindku Joseph Casha stqarr li jħossu diżappuntat li minkejja l-isforz min-naħa tal-Kunsill mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni għadhu ma' sar xejn fix-xogħol ta' kostruzzjoni li hu meħtieġ li jsir f'din l-iskola.

*14.(2).4 Proċeduri Finanzjarji tal-Kunsilli Lokali (11 / 12 / 2002)*

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv attendew seminar ta' nofs ta' nhar fil-Kunsill Lokali tal-Mosta fejn ġew imfissra l-proċeduri finanzjarji tal-Kunsilli Lokali skond AL Nru. 223/2002 u Memo 37/2002 Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Minn dan is-seminar ħareġ ċar li għalkemm dawn il-proċeduri ġew fis-seħħ jidher li hemm nuqqas ta' qbil bejn id-Dipartiment u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ta' kif dawn ir-regolamenti għandhom jiġu implimentati.

*14.(2).5 Regatta Klabb (13 / 12 / 2002)*

Il-Kunsillier Reno Chircop f'isem il-Kunsill attenda għal riċeviment imtella' minn din l-Għaqda. Is-Sindku Joseph Casha kien indispost.

*14.(2).6 Seminar Traffic Management (14 / 12 / 2002)*

Il-Kunsillier Reno Chircop attenda għal seminar dwar traffic management imtella' mill-Kunsill Lokali Marsaskala.

*14.(2).7 Working Group Kunsilli Lokali ( 16 / 12 / 2002)*

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għal working group Kunsilli Lokali imtella' mal-Professur Gofrey Pirotta. Kap tad-Dipartiment tal-Public Policy. L-għan ta' dan il-group huwa li jsir stħarriġ ta kif il-Kunsilli lokali jkunu aktar effiċjenti u effettivi.

*14.(2).8 Street Lighting Devolution ( 18 / 12 / 2002)*

Saret laqgħa fil-Kunsill Lokali tal-Birgu biex jiġi ffirmat ftehim dwar street lighting Devolution għan-naħa tas-South. Għal din il-laqgħa kienu preżenti Joe Casha s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Kienu preżenti wkoll is-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali li ser jagħmlu parti minn din id-devolution.

*14.(2).9 Sotto Kumitat Anzjani u Famlja (20 / 12 / 2002)*

Saret il-ħarġa u ikla għall-Anzjani u Familja fejn attenda madwar 90 ruħ. Ingħata rigal. Din l-attivita' kienet self financed.

*14.(2).10 Skema Community Work - ETC (30 / 12 / 2002)*

Saru l-intervisti għall-ħaddiema li ser jagħmlu xogħol għall-Kunsill taħt din l-iskema. Il-Koperattiva "Outlook" hija rappreżentanta ta' l-ETC f'din l-iskema.

*14.(2).11 Korrispondenza*

Kopja tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn it-2 ta' Diċembru 2002 u l-10 ta' Jannar 2003 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/2231/02/I Dar it-Tama*

Id-Direttur ta' din l-Għaqda talab għajnuna finanzjarja biex ikompli jwettaq il-programm soċjali fost iċ-ċittadini tal-Kottonera. It-talba hija ta' Lm 50. Il-Kunsill ma' ħa l-ebda deċiżjoni dwar din it-talba.

*04/2263/02/I Kummisjoni Nazzjonali Persuni B'Diżabilita'*

Billi din is-sena hija s-Sena weropeja tal-Persuni b'Diżabilita', din l-għaqda tablet lill-Kunsill itella' attivita' bil-messaġġ "Flimkien Naslu".

*04/2266/02/I* *Silvar Construction & Services Ltd*

Dan il-kuntrattur bagħat ittra skond kif kien mitlub mill-Kunsill.

*04/2286/02/I* *Soft Areas*

Il-Kunsill irċieva inventarju ta' pjanti u soft areas fejn ġejna nfurmati mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali,

*04/2291/02/I* *European Cities Against Drugs*

Il-Konferenza għas-Sindki fl-10 anniversarju tal-European Cities Against Drugs li se ssir bejn il-15 ta' Mejju u s-17 ta' Mejju 2003 fi Stockholm.

*04/2328/02/I* *Bankina quddiem l-Iskola*

Talba biex il-bankina li hemm quddiem l-iskola tiġi fit-tond. Il-Kunsill qabel li jikkonsulta mal-perit tal-Kunsill dwar din it-talba.

*04/2329/02/I* *Sleeping Police fi Triq Iż-Żewġ Mini*

Hemm talba biex is-sleeping police li hemm viċin il-museum tal-bniet titneħħa minħabba li qed Iżżomm l-ilma tax-xita.

Il-Kunsill ma' qabilx li din is-sleeping police titneħħa. Jekk hemm xi ħsarat dawn jiġu imwettqa.

*04/2306/02/I* *Maltacom Cables*

Il-Kunsill ġie infurmat li cables tal-Maltacom fi Triq id-Duluri tlestew.

*04/2351/02/I* *Rixtellu fi Sqaq il-Ġnien*

Saret talba minn residenti biex isir dan ir-rixtellu tal-Ħadid minħabba abbużi u vandaliżmi li qed isiru f'dan il-post.

Il-Kunsill qabel jieħu deċiżjoni bi ħsiebu jagħmel valutazzjoni tax-xogħol meħtieġ dwar it-talba.

*04/2358/02/I* *Traffic Awareness Day*

L-Iskola Primarja Dom Mauro Inguanez organiżżat din l-attivita' fejn ittella' programm għat-tfal f'din l-iskola fosthom Dog Display / Child Abuse u Traffic Display.

Il-Kunsill qabel li jgħin fil-finanzjament ta' din l-attivita'. L-ammont huwa ta' Lm 75.00

*04/2373/02/I General Assembly - Council of European Municipalities*

Is-Sindku Joseph Casha ġie mistieden biex jieħu sehem fl-Assemblea Ġenerali tal-Kunsill tal-Kunsilli Lokali ta' l-Ewropa u tar-Reġjuni li sejra tinżamm bejn l-14 u s-17 ta' Mejju 2003 f'Poznan fil-Polonja. Il-Kunsill qabel li jitlob sponsorship għal din l-istedina mill-Euro Med Programme.

*04/2097/02/I Preċett (21/06/03)*

Saret talba mill-familja Buhagiar biex jużaw is-sala tal-Kunsill għal riċeviment fl-okkażjoni tal-preċett tat-tifla tagħhom Christabelle.

Il-Kunsill approva din it-talba.

*04/2393/02/I Senglea Athletics F. C.*

Ittra mill-President tal-Klabb Dr. V. Zammit bħala tweġiba għall-ittra tal-Kunsill (25/22/02) dwar il-każ ta' Marco Dingli.

Il-Kunsill qabel li Dr. V. Zammit u rappreżentanti tal-Klabb jiġu mistiedna għal laqgħa mal-Kunsill.

*04/2402/02/I Talba għal Korsijiet*

Is-Sinjura Tania Busuttil qed toffri li ttella' korsijiet tal-Ganutell, tal-lewlu u xogħol tal-Monasteri fis-Sala tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva din it-talba. Għandhom joħorġu l-avviżi.

*04/0003/03/I Ħofor fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra*

Talba biex il-ħofor li hemm fi triq il-Vittmi tal-Gwera jiġu temporanjament irranġati. Il-Kunsill bi ħsiebhu jagħmel assessment ta' x'hemm bżonn li jsir.

*04/0010/03/I Ilma ġo djar*

Is-Sur Arthur Napier qed jilmenta li qed jidħollu l-ilma tax-xita fil-propjeta' tiegħu fi Triq San Ġużepp minħabba ħofra li hemm fit-triq.

Il-Kunsill qed jistħarreġ x'għandhu jsir.

*04/0022/03/I*　　　　*Railing fi Triq San Filippu, Senglea*

Saret oġġezzjoni minn resident f' 6 / 7 Triq San Filippu għal railing li twaħħal quddiemhom.

Il-Kunsill għandhu jikkonsulta mal-Perit tal-Kunsill.

*04/0039/03/I*　　　　*Malta Pool Association*

Talba għal sponsorship għall-players Chris Mills u Duncan Bezzina li kellhom jieħdu sehem fil-Cubo barra minn Malta f'isem Malta.

Il-Kunsill ma' jistgħax jilqa' din it-talba minħabba l-proċeduri finanzjarji.

*04/0045/03/I*　　　　*Parking Space (Pjazza Ġorġ Mitrovich)*

Il-Kunsill ma' setgħax jilqa' t-talba ta' parking space personalment anki fuq bażi ta' diżabilita'. Iżda l-Kunsill jaqbel li ssir disabled parking space għal użu ġenerali.

## 14(3)　　Miżuri Ġodda

Il-Kunsill iddiskuta l-miżuri ġodda tal-proċeduri finanzjarji skond Ċirkulari numru 37/2002.

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop. Il-Kunsill ħatar Kumitat tal-Finanzi magħmul mis-Sindku Joseph Casha, l-Kunsillier Charmaine Gerada u Alphonse Zammit Segretarju Eżekuttiv. Dawn kienu appuntati għan-naħa tal-Kunsill.

## 14(4)　　Xogħol mill-Ħaddiema - Skema ETC

B'effett mill-1 ta' Jannar 2003 tlett ħaddiema bdew jagħtu s-servizz ta' tindif u knis taħt din l-iskema. Dawn kienu ġew magħżula b'intervista. Dawn huma Felice Connsiglio mill-Gżira, Anthony Degiorgio u John Cassar it-Tnejn mill-Isla.

## 14(5) Kumitat Finanzi

Din l-item ġiet trattata f'item numru 14(3)

## 14(6) Xogħol mill-Kunsill fil-lokal għas-sena 2003

Il-Kunsill qed jipproponi li jsir xogħol ta' kostruzzjoni f'dawn it-toroq. Vittmi tal-Gwerra, Triq il-Kurċifiss u Triq l-Ponta.

Dawn huma stmati li jqumu madwar Lm 1 7,000.00.

## 14(7) Żjara tal-President ta' Malta

Għalkemm kien hemm xi tibdil fil-programm taż-żjara ta' l-Eċċellenza tiegħu l- Professur Guido Demarco, President ta' Malta, jidher li kollox lest kif ippjanat.

Iż-żjara ser isseħħ nhar il-Ħamis 16 ta' Jannar 2003 bejn l-10.00am u s-1.00pm fejn l-Eċċellenza tiegħu ser Iżur bosta postijiet fl-Isla.

## 14(8) Rapport Attivita' Rigal lill-Anzjani

14.(8).1 Din l-attivita' kienet suċċess u ġiet apprezzata ħafna mill-Anzjani li attendew għaliha. Kienu mistiedna d-Deputati ta' dan id-distrett.

14.(8).2 Is-Sindku Joseph Casha ppreżenta rapport tal-finanzjament ta' din l-attivita' li kienet sussidjata mill-Kunsill. (Kopja mehmuża).

## 14(9) Rapport Ġemellaġġ Cassino

IS-Sindku ppreżenta l-Minuti ta' l-ewwel laqgħa ta' dan il-Kumitat li nżammet nhar il-Ħamis 9 ta' Jannar 2003. (Kopja mehmuża).

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fis-6.30pm b'dan l-item fuq l-agenda.

---

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ______________________________

---

| | |
|---|---|
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |